MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2009

Numru. 638/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ivan Cilia)**

**vs**

**DONAVIN BORG ta’ 28 sena bin Carmel u Rita nee’ Vassallo, imwieled h’Attard fit-28 ta’ Awissu 1979 u li joqghod f’Evadne, Triq il-Qawsalla, Msida, dententur tal-karta ta’l-identita’ bin-numru 394079(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Donavin Borg u cioe`:

1. talli fl-20 ta’ Mejju 2008 u fi granet precedenti, gewwa Birkirakara u f’postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer:

a. iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta’ industrja, jew, xjentement, ghamel uzu ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr
il-kunsens tas-sid jew;

b. ghamel uzu, xjentement, ta’ marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija jew biegh merkanzija, b’din il-marka, sinjal jew emblema; jew

c. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh, jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq;

u cioe’ diversi DVDs b’ films.

2. u aktar talli, fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, ghal qliegh, jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-driittijiet ta’l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta’ Malta jew tahtha;

3. Kif ukoll sar recidiv ai termini ta’l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie ikkundannat b’diversi sentenzi moghtja mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dana il-procediment.

Rat l-kunsens ta’l-Avukat Generali ta’l-21 ta’ Lulju 2008 sabiex dana il-kaz jigi itrattat bil-procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'zewg imputazzjonijiet principali u cioe' r-reat dwar il-qerq fil-kummerc u dak dwar il-ksur ta' drittijiet ta'l-awtur a tenur ta'l-artikolu 298B tal-Kodici Kriminali li tinhtieg il-kwerela tal-parti offiza kuntrarjament ghall-ewwel reat ipotizzat fl-artikolu 298 li huwa prosegwibbli *ex officio* mill-pulizija.

Illi fil-kors ta'l-investigazzjonijiet taghhom dwar dana il-kaz, il-pulizija elevaw 1099 DVDs mill-hanut imexxi mill-imputat bl-isem Movie Station gewwa Naxxar Road, B'Kara. Kien hemm suspett illi dawn id-DVDs setghu kienu foloz. Dawn instabu fuq xkaffa wara l-counter u ohrajn kienu fil-counter ta'l-istess hanut.

Illi madanakollu l-prosekuzzjoni ma tressaqx l-icken prova dwar l-awtenticita' o meno ta' dawn l-oggetti. L-Ispettur Ivan Cilia jixhed u ighid illi kien hemm suspett illi dawn id-DVDs kienu kopji, izda ma ighidx 'il ghala dawn huma tali. Ma hemmx prova wahda fl-atti li tindika f'liema partikolaritajiet dawn ma humiex awtentici. Illi *di piu'* dawn id-DVDs gew esebiti biss formalment (Dokument IC3). Qatt ma intwerew lill-Qorti sabiex jigi indikat fejn tirrizulta il-falsita'. Per ezempju, ma gewx ezaminati il-kwalita ta'l-optical diskettes, l-inlays u  jekk dawn kenux fotokopji, l-ippakkjar tal-prodott jekk kellhomx *Snap case*, *Keep case*, jew inkella jekk kenux ippakkjati f'boroz tal-plastik. Ma hemmx prova tal-kwalita tal-emblema, marka jew sinjal – jekk dawn humiex qarrieqa o meno jew inkella jekk il-falsita hijiex xi wahda grossolana, li imbaghad tista' twassal ghal konsiderazzjonijiet legali ohra. Dana kollu ma giex ippruvat.

Illi huwa minnu illi d-difiza ma ikkontestatx il-fatt illi dawn id-DVDs gew elevati mill-hanut ta'l-imputat, izda b'dana ma ifissirx illi l-imputat ammetta li dawn huma ikkuppjati. Fil-fatt lanqas fl-istqarrija tieghu esebita fl-atti ma jammetti illi dawn l-oggetti huma ikkuppjati.

Fid-dawl ta' din in-nuqqas ta' prova, allura, l-Qorti wisq anqas tista' tikkonkludi illi kien l-imputat li iffalsifikhom jew

ikkuppjhom. Dana ifisser ghalhekk illi l-imputat lanqas ma ghandu ghalfejn iressaq provi, kif trid il-ligi fl-artikolu 299 tal-Kapitolu 9, dwar in-nuqqas ta’ hsieb doluz fil-kummissjoni tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 298. Dana peress illi kif diga gie ampjament issottolinjat iktar ‘il fuq, tonqos il-prova dwar il-falsita o meno ta’l-oggetti elevati mill-hanut tieghu.

Illi l-unici zewg xhieda li tressaq il-prosekuzzjoni huma Charles Muscat li huwa  Senior Principal Officer fit-Trade Licensing Unit (fol.75 et.seq.) u John Richards li xehed in konnessjoni mar-registrazzjoni tat-trade marks kemm lokali kif ukoll *community trade marks* (Fol.79 et. seq.) u esebixxa c-certifikati relattivi li gew esebieti bhala Dokument JR.

Madanakollu dawn iz-zewg xhieda ftit li xejn jitfghu dawl fuq il-htija o meno ta’l-imputat. Illi Charles Muscat ighid biss illi ma jezisti l-ebda permess fuq isem l-imputat. John Richards iressaq il-prova dwar is-sidien ta’ certu trade-marks bhal “Paramount”, “SONY”, “Warner Bros.”, “Walt Disney”, fost ohrajn. Il-Qorti tista’ biss tassumi illi d-DVDs elevati kellhom dina l-emblema, sinjal jew marka distinttiva fuqhom u li l-materjal fid-DVDs ezebiti kienu jiksru id-drittijiet ta’l-awtur ta’ dawn il-marki. Izda dawn huma biss assunzjonijiet u kongetturi li tista’ taghmel il-Qorti ghaliex lanqas lista tal-materjal elevat ma gie pprezentat, ghajr ricevuta (Dokument IC2) minn fejn jirrizulta illi gew elevati 1099 DVDs u zewg *playstation games*. X’inhuma dawn id-DVDs jew loghob ma giex specifikat.

Il-Qorti ghalhekk lanqas tista’ tasal ghal xi konkluzjoni illi dana il-materjal qed jikser xi drittijiet ta’l-awtur indikati fuqhom u dana peress illi lanqas prova ma hemm dwar min hu jew min huma dawn l-awturi indikati fuq l-oggetti in kwistjoni. Finalment jinghad illi lanqas il-kwerela esebita bhala Dokument PG (fol.18) ma tindika l-partikolaritajiet dwar l-allegata falsita’ ta’l-oggetti elevati mill-pulizija. L-kwerela tghid biss “*The DVDs identified were clearly in violation of our clients’ intellectual property rights*”, izda x’inhi din l-hekk imsejjha “violation” imkien ma huwa

indikat u ghalhekk hemm dubbju dwar il-validita’ ta’ dina l-kwerela li hija ghal kollox nieqsa mill-elementi indikati fl-artikolu 539 tal-Kodici Kriminali.

Ghaldaqstant fid-dawl ta’ dawn ir-rizultanzi processwali, l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat minn kull akkuza migjuba fil-konfront tieghu fuq nuqqas ta’ provi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------